**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023**

**Talba numru 146/2023 SFJ**

**CARLO MONTBELLO ( KI 38575 M)**

**vs**

**MUSBAH ALLI NASIR**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' April 2023 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab lil dan l-Onorabbli Tribunal:

- *"Illi fis-7 ta' Gunju 2021, gewwa Rahal Gdid, l-intimat kien seraq minghand ir-rikorrenti mobile, flus kontanti u kartiera";*
- *Illi l-intimat kien ammetta li seraq dawn l-oggetti fis-sentenza wkoll fl-ismijiet – Pulizija vs Mulbar Ali Nasir, datata 9 ta' Jannar 2023 – li sussegwentement, kien ikkundannat jissokta sentenza l-habs;*
- *Illi l-valur tal-mobile kien ta' mija w hamsin ewro (Eur 150), il-valur tal-flus kontanti kienu ta' mitejn ewro (Eur 200) u s-somma rimanenti ta' mija w hamsin ewro (Eur 150) huma rappreżentanti ta' spejjes amministrattivi, li r-rikorrent kien hallas sabiex jaghmel mill-gdid il-karta tal-identita' u l-licenzja tas-sewqan li insterqu mill-intimat".*

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma globali ta' hames mitt ewro (Eur 500).

**Ra li l-konvenut ġie notifikat fis-26 ta' April 2023 u ma ippreżenta l-ebda risposta fiz-zmien mitlub skont il-ligi.**

**Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet tat -Tribunal**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

It-Tribunal sema' lill-attur fit-30 ta' Mejju 2023, fejn l-attur xehed illi dan kien ammetta fil-kawza kriminal. Xehed illi dan kien qieghed fil-pompa tal-petrol ta' Rahal Gdid u li l-konvenut kien qed idur u jaghqad. Ix-xhud xehed li ma tax kas. Xehed illi kellu pocket, mobile, illi kien jiswa mitejn ewro (Eur 200), karta ta' identita' u licenzja. Dawn, skont hu, kienu fin-nofs, fejn kien hemm il-hand break. Komple jixhed illi fuq video, rah idahhal idu mit-tieqa u wasal bejn is-seat u l-handbreak u seraq dan il-pocket. Ix-xhud xehed illi ma sabx il-pocket u nsteraq il-video. Hu stess kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija u skont dan ix-xhud, hu kien ammetta li serqu fil-kawza kriminali quddiem il-magistrat Dr. Ian Farrugia, u wehel skont hu, tliet snin probation.

F'din is-seduta it-Tribunal ordna illi tigi pprezentata is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala gudikatura kriminali mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia, li nghatat fid-9 ta' Jannar 2023.

It-Tribunal ha nota tas-sentenza li giet prezentata, permezz ta' nota fl-1 ta' Gunju 2023 u tosserva illi l-intimat gie misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess, ta' diversi imputazzjoni li kienu migjuba kontra tieghu u li kien gie kkundannat komplessivament piena ta' tletin xahar priguneria.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt illi l-intimat kien irregistra ammissjoni hu stess, fil-kawza kriminali li kellu quddiem il-Magistrat Dr. Ian Farrugia, u nstab hati, kif ukoll minhabba l-kredibilita' tax-xhud, attur Carlo Montebello, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' hames mitt ewro (Eur 500), kif mitlub fl-istess avviż.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas lill-attur l-ispejjes kollha ta' din il-kawza.

______________________________________

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**